**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Malek Hasan ta' 22 sena iben Aayed u Khadeja, imwieled Homs Syria nhar 05/01/1986 u residenti BLK 16B Flt 1 Triq il-Gendus Bormla detentur tal-Passaport Sirjan 013-12-L017395**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2015.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra MalekHasan ta’ 22 sena iben Aayed u Khadeja, imwieled Homs Syria nhar 05/01/1986 u residenti Blk 16B Flt 1 Triq il-Gendus Bormla detentur tal-passaport Sirjan 013-12-L017395 akkuzat talli fil-15 ta’ Ottubru, 2015 u jew fil-jiem ta’ qabel, f’Malta, ta’ ordni lil Rennnie Fava detentur tal-karta tal-identita’ numru 148994(M), sabiec jaghmel delitt jew gieghlu b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi jew ta struzzjonijiet sabiex isir id-delitt jew ta armi ghodod jew mezz iehor li gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati, jew b’xi mod xjentement ghen jew assista lil awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat u kkunsmat u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 42.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok hin u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art f’Malta, jew li joqghodu gewwa Malta, konra d-

disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biez jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art, jew li joqghodu gewwa, jew li jitilqu minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew jahbi jew jaghti kenn lil xi persuni li jkun jaf, jew ikollhu tassew ghax jahseb, li jkun qieghed f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap 217, Sec 32(1a) tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti hija gentilment mitlubha sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-vettura tat-tip RAV 4 bin-numru ta' registrazzjoni NIC 420.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikolu 42 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 32 (1a)tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Fuq ammissjoni issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba snin, kif wkoll timmultah multa ta' tlett elef Ewro (€3,000) pagabbli fuq medda ta' tletin (30) xahar b' effett mil-1 ta' Dicembru, 2015,b' dana illi jekk jonqos pagamet wiehed, l-ammont kollu jigi konvertit f' habs.

Il-Qorti tordna wkoll l-konfiska tal-Vettura NIC-420 tal-marka Toyota Rav4.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***